# Minuti tal-Ħamsa u Sittin laqgħa tas-Sitt Kunsill Lokali Nadur
# Nhar it-Tnejn, 16 ta' Mejju 2011 fis-7: 30 p.m.

Preżenti:-

| | |
|---|---|
| Miriam Portelli | Sindku |
| Charles Said | Viċi Sindku |
| Maria Natoli | Kunsillier (waslet fit-7:45) |
| Jonathan Buttigieg | Kunsillier (wasal fis-7:40) |
| Rita Mifsud | Kunsillier |
| *Rita Mifsud Attard* | *Segretarju Eżekuttiv* |

---

1. **Bidu tal-laqgħa.** Il-laqgħa bdiet b'talba u tmexxiet mis-Sindku Miriam Portelli.

2. **Approvazzjoni ta' Minuti.** Il-minuti tal-laqgħa numru 64 ġew ikkoreġuti, approvati, iffirmati u ddikjarati bħala dokumenti uffiċċjali.

3. **Restawr tas-Salib tal-Pjazza.** Ir-restawr tas-salib tal-pjazza kważi lest. Kellha tinbidel ġebla mit-taraġ t' isfel għaliex din ġarbet ħsarat kbar u nqasmat. Il-parti t'isfel tas-salib ġiet mbajjda għaliex kellha ħsarat kbar. Il-perit iddeċieda li minflok li jinbidlu l-ġebel jiġu mbajjda bi plastic repair. Għad irridu jeħlu bollards madwaru. L-inawgurazzjoni tar-restawr ser issir mill-Onor. Chris Said u tberik ser issir minn l-isqof jew arċipriet wara l-Pontifikal fl-Imnarja 29 ta' Gunju.

4. **Attivitajiet ta' l-Imnarja.** Id-data ta' l-attivita' tat-tfal inbidlet għal nhar it-Tnejn 20 ta' Gunju peress li l-Erbgħa jibdew l-eżamijiet. Is-Sindku tkellmet ma' James Azzopardi dwar il-wirja agrarja. Hi talbitu sabiex jagħmel tabelli li juru ta' minn huma l-prodotti mal-esebizzjoni. James Azzopardi ma aċċettax għaliex ma jkunx jista' jaħdem b'dawk it-tabelli. Jonathan Buttigieg issuggerixxa li jsiru stands bil-prodotti ukoll kif kien issir qabel u fuq dawn l-istands ikun jista jsiru tabelli li juru ta' min huma l-prodotti.

5. **Open Skips.** Is-Segretarja ġabret "sample" tat-tabella li għandha titpoġġa fejn l-open skips (bil-Malti u bl-istampi). Saret diskussjoni dwar x'jista jintrema fl-open skips. Ma kienx hemm qbil dwar dan. Is-Segretarja għandha titlob lil Waste Serv dwar x'jista jintrema fl-open skips.

6. **Bozoz Godda.** Saret talba mis-sidien tal-propjeta fejn twaħlet bozza ġdida fi Triq Hida biex il-bozza tiġi postjata f'post ieħor fejn tkun aktar utli. Is-Sindku u Segretarja għandhom immoru fuq il-post biex jaraw x'hemm bżonn issir. F'dan il-ħin kien preżenti l-Inġinier Renzo Curmi. Charles Said staqsa fejn ser titwaħħal il-bozza fi Triq Franġisk Attard (fejn dan l-aħħar sar vandaliżu fuq il-propjeta ta' diversi persuni. L-Inginier informa lill-Kunsill li l-bozza eżiżtenti ser titmexxa aktar 'l isfel fi Triq fejn tagħti aktar dawl fuq l-area li bħal issa midluma. L-Inġinier qal li id-dawl ser ikun suffiċjenti għal din l-area.

7. **Mayfair.** Is-Sindku nformat lill-Kunsill li kien hemm €365 qligħ mill-attivita li għamlu ż-żgħażagħ b'risq id-Dar tal-Providenza.

8. **Korrispondenza.**

(2953) Ittra minghand il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) dwar incident li gara fi Triq San Blas
(2954) Ittra minghand Oasi dwar iz-zghazugh/a tas-sena
(2955) Ittra minghand Gatt Group of companies dwar Triq il-Mithna l-Qadima.
(2956) Email minghand Tourism and Sustainable development Unit dwar Eden 2011
(2957) Ittra minghand Godwin dwar weraq u zkuk go ghalqa privata hdejn playing field ta' Xandriku
(2958) Memo 40/2011 dwar mistoqsija parlamentari no 25834
(2959) Memo 41/2011 dwar tahrig ghall-Impjegati tal-libreriji pubblici
(2960) Memo 42/2011 dwar mistoqsija parlamentari no 24460
(2961) Memo 43/2011 dwar Skema ta' Finanzjament specjali ghas-sena 2011
(2962) Memo 44/2011 dwar Skema ta' Ghajnuna Finanzjarja ghal korsijiet Life long learning
(2963) Memo 45/2011 dwar mistoqsija parlamentari no 25950
(2964) Acknowledgement minghand TM dwar bollards fi Triq Xandriku kantuniera ma' Papa Ljun XIII
(2965) Ittra minghand is-Socjeta Filarmonika Mnarja dwar r-Revista Annwali taghha "L-Imnarja"
(2966) Ittra minghand is-Sojeta Filarmonika Mnarja dwar l-Kuncert
(2967) Ittra minghand Local Council's Association dwar Group Health Insurance Claim Form
(2968) Ittra minghand KIP Ghawdex dwar laqgha dwar il-gbir ta' l-iskart
(2969) Circular 1/2011 dwar Skemi ghal-Progetti ta' Eco Ghawdex
(2970) Ittra minghand Joseph Portelli MGOZ dwar l-ilma tal-pond fil-gnien tat-Torri ta' Kenuna
(2971) Ittra minghand il-MEPA dwar Skate Park fi Triq Xandriku
(2972) Avviz Pulizija Esekuttiva kawza il-Pulizija konta Saviour Xiberras
(2973) Ittra minghand il-Perit Grech dwar it-Toroq Grunju u Triq il-Mithna
(2974) Ittra minghand Joe Meilak dwar rampi u bankini fi Triq Grunju
(2975) Ittra mill-Arcipriet Jimmy Xerri dwar terrapien fuq iz-zuntier u rampa hdejn ic-cimiterju
(2976) Ittra mill-Ghaqda Armar Triq Dicembru 13 dwar armar tal-festa
(2977) Ittra minn Georgino Muscat dwar wirja ta' karozzi

9. **Progett ta' Mural fil-Playing Field tal-Hali.** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand Mary Portelli dwar proposta biex tagħmel arti fil-Playing Field tal-Ħali. Dan l-arti jikkonsisti minn mosaic mural ta' friefet fit-taraġ li hemm fuq in-naħa ta' wara tal-playing field. Hi ser iġġib funding għalih iżda talbet il-Kunsill biex jagħti l-approvazzjoni tiegħu. Il-Kunsilliera qablu ma' dan il-proġett.

10. **Brazzi Ornamentali fi Triq Diċembru 13.** L-inġinier Renzo Curmi kien preżenti għal din il-parti tal-laqgħa. Hu għadu ma lestiex il-proposta ta' brazzi ornamentali fi Triq Diċembru 13 minflok id-dwal eżiżtenti. Meta jlesti l-proposta l-Kunsill ser jitlob fundi taħt l-iskema tal-MEPA, l-Urban Improvement Fund.

11. **Rampi.** L-arċipriet Jimmy Xerri talab sabiex il-Kunsill jagħmel sinjali sofor quddiem ir-rampa li saret fil-gemb taċ-ċimiterju il-qadim. Gie suġġerut li jkun hemm sinjali sofor quddiem l-entratura tal-kappella ukoll. Il-Kunsill għandu jitlob lil Malta Transport dwar dawn.

12. **Applikazzjoni tal-Europe for Citizens Programme.** Il-Kunsill ser japplika għal fondi taħt program "Europe for Citizens' Programme" sabiex issir exchange ta' kultura tal-Milied waqt il-Christmas Market 2011. Il-Kunsill ser jitlob lill Baveno u Cicciano sabiex jieħdu sehem f'din l-applikazzjoni. B'hekk waqt il-Christmas Market ikun hemm workshops fejn jiġu magħrufa u spjegati tradizzjonijiet ta' dawn il-pajjiżi fiż-żmien tal-Milied. Jekk il-proġett jgħaddi l-attivitajiet (work shops)

jsiru bejn id-29 ta' Novembru u s-6 ta' Dicembru (waqt li jkun hemm il-Christmas Market).

13. **Public Private Partnership.** Is-Sindku nformat lill-Kunsilliera li l-Kuntrattur qal li meta kien qed iqaxxar Triq il-Mithna l-Qadima sab it-trabb u ħamrija u dan ried jitneħħa. Hu ta' kwotazzjoni għal dan ix-xogħol ta' €25 per cu. mt. Triq ta' Grunju għandha titlesta din il-ġimgħa. Il-Kunsill approva dan ix-xogħol.

14. **Kuntratt Gbir ta' Skart.** Il-Kunsill irċieva notifika mill-bank li l-bid bond ta' l-offerta ta' KIP għalqet u ma ġietx imġedda.

15. **Xalata.** Il-Kunsill ġie informat mill-agenzija ta' Chasing Pandora li fit-30 ta' Gunju hemm l-Isle of MTV event f'Malta. Peress li ħafna miż-żgħażagħ jmorru għal din l-attivita, l-Kunsill iddeċieda li l-attivita tax-Xalata ma sirx b'sehem Chasing Pandora iżda din tista ssir waqt il-Wine Festival f'Settembru. Bħala attivita tax-Xalata l-Kunsilliera qablu li ssir tombla b'risq il-festa bis-sehem ta' l-Għaqdiet tal-festa. Għandha tintbagħat ittra lill-għaqdiet tal-festa kollha biex naraw minn hu interressat. Jekk ikun hemm aktar minn għaqda waħda interessata jittellgħu bix-xorti.

16. **Triq Grunju.** Il-Kunsill irċieva ittra mingħand Joe Meilak sabiex tinbidel il-bankina ta' quddiem ir-residenza ta' missieru fi Triq Grunju peress li din tiżloq. Il-Kunsill approva li jinbidel il-madun ta' din il-bankina.

17. **Armar tal-Festa.** Il-Kunsill irċieva ittra mill-Għaqda Armar Triq Diċembru 13. Huma talbu sabiex l-armar tagħhom fi Triq Diċembru 13 ma jiġux mgħottija b'xi armar ta' bar li jista' jintrema matul il-jiem tal-festa. Il-Kunsill qabel li l-permessi tal-bars għandhom joħorġu bil-kundizzjoni li l-armar tat-triq ma jiġix ġol-bar. Is-sidien tal-bars iridu jadataw il-bars sabiex iħallu l-armar jidher u jitgawda.

18. **Inċident f'San Blas.** Il-Kunsill irċieva ittra uffiċċjali mill-Avukat Carmel Galea f'isem Gasan Mamo Insurance dwar inċident fi Triq San Blas nhar il 25 ta' Mejju 2009 meta vettura waqgħet u inqalbet fejn il-parking tal-bajja ta' San Blas. Huma talbu għall-ħlas tad-danni kollha sofferti minnhom. Il-Kunsill bagħat kopja ta' din l-ittra lil kumpanija ta' assigurazzjoni tiegħu u qed jistenna risposta.

19. **Playing Field Xandriku.** Il-Kunsill irċieva ittra iffirmata minn Godwin mingħajr kunjom u indirizz. F'din l-ittra hemm allegat li l-Kunsill qed jarmi skart f'għelieqi meta jnaddaf il-playing field. Is-Sindku tkellmet ma' sidien ta' għelieqi f'din l-area fosthom persuna li jismu Godwin iżda ħadd ma għamel dan l-ilment. Dan l-aħħar meta l-ħaddiema tal-Kunsill żabru is-siġar u naddfu il-ġonna l-Kunsill ġab skip sabiex jintremma l-iskart fih. Il-Kunsill jixtieq jitkellem mal-persuna li kiteb din l-ittra iżda m'għandux mezz biex jikkuntatjah.

20. **Korsijiet Life Long Learning.** Permezz ta' Memo 44 /2011 il-Kunsill ġie nformat li ser jerġa jkun hemm skema ta' għajnuna finanzjarja għal korsijiet Lifelong Learning. Il-Kunsilliera għażlu li jorganizzaw il-kors ta' English Literacy taħt is-sezzjoni A u Maltese as a foreign language taħt sezzjoni B.

21. **Kunċert tal-Banda.** Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Soċjeta Filarmonika Mnarja dwar l-organizzazzjoni tal-Kunċert tal-banda. Huma talbu sabiex din l-attivita' bħas-snin ta' qabel issir bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsilliera qablu li għandhom jgħinu f'din l-attivita' u allokaw €1165.

22. **Gbir ta' Skart Domestiku.** Il-Kunsill irċieva email mingħand id-direttur ta' KIP Għawdex biex jibda jinġabar l-iskart domestiku filgħodu minflok wara nofsinhar. Fil-preżent għaddej l-appell dwar il-kuntratt il-ġdid ta' ġbir ta' skart domestiku. Hemm involut f'dan l-appell l-istess kuntrattur. Għalhekk il-Kunsilliera talbu sabiex il-Kunsill jitlob parir lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali jekk nistgħux nbidlu l-kundizzjonijiet tal-kuntratt eżiżtenti mingħajr ma nippreġudikaw il-pożizzjoni tagħna dwar il-kuntratt il-ġdid peress li dan l-istess kuntrattur qed jappella id-deċiżjoni tal-Kunsill.

23. **Gnien ta' Kenuna.** Il-Kunsill irraporta mad-direttur tax-xogħolijiet fi'ħdan il-Ministeru għal Għawdex dwar is-serq ta' l-ilma minn ġol-pond fi Gnien ta' Kenuna. Ir-rapport sar peress li fit-Torri ta' Kenuna ikun hemm il-watchmen filgħaxijiet mutal il-ġimgħa u l-ġuranta kollha s-Sibtijiet u Ħdud.

24. **Jum iż-Żgħażagħ.** Il-Kunsill irċieva email mingħand Dylan Camilleri dwar Jum iż-żgħażagħ hu talab l-għajnuna tal-Kunsill, iżda ma tax dettalji dwar x'ser issir f'din l-okkażjoni. Meta jkollna aktar dettalji l-Kunsill ikun jista' jieħu deċiżjoni dwar din it-talba.

25. **Kwotazzjonijiet.** Il-Kunsill irċieva kwotazzjonijiet waħda biss mingħand Simon Sultana għall-gandott fi Triq ta' Said bi prezz ta' Quote 6(a) €2460 u Quote 6(b) 2000. Il-Kunsill iddiskuta dwar għandux jitlob lill-Kuntrattur Gatt Tarmac Ltd. biex jirranġa din it-triq bla ħlas qabel ma jsir il-gandott. Il-Kunsill diġa talab diversi drabi lill-kuntrattur biex din tittranga. Hu aċċetta li jagħmilha bi ħlas. Din ma kienitx aċċettata mill-Kunsill. Il-Kunsilliera qablu li din it-triq għandha bżonn tittranġa mill-aktar fiss possibli. Il-Kunsill talab ukoll il-Condition Report tal-perit li għandu jinkludi ritratti kif ukoll is-suġġerimenti tiegħu ta' kif għandha tittranġa l-problema taż-żamma ta' l-ilma tax-xita.

26. **Youth Adventure.** Is-Sindku nformat lill-Kunsilliera li l-programm ta' Youth Adventure ser jerġa' jiġi organizzat mill-Kunsill matul ix-xahar ta' Awissu għaż-żgħażagħ ta' bejn 13 u 15-il sena (dawk li ser jidħlu Forms 3-5 f'Settembru 2011).

27. **Ħarġa għall-Anzjani.** Ser issir ħarġa għall-anzjani f'Malta nhar il-Ħamis 9 ta' Gunju. F'din il-ħarġa ser issir żjara fil-Palazz tal-Girgenti u ser tilqa l-anżjani s-Sinjura Kate Gonzi.

28. **Affarijiet oħra.** Daħal ilment li fi Triq il-Madonna ta' Lourdes hemm tarġa fi triq hu din hija perikuluża. Ilment ieħor huwa li ż-żurżieqa fi Gnien il-Kunsill hija qasira u xi tfal qed jaqgħu minn fuqha meta jinżlu. Hemm bżonn ta' patching fi Triq ir-Ramla u Triq San Kurunatu. Hemm bżonn qtugħ ta' ħaxix fil-passaġġ ħdejn iċ-ċimiterju u faċċata iċ-ċimiterju. Rita Portelli li għandha residenza fi Triq Dun Bernard Haber talbet biex issir ftit konkos mal-bankina tagħha. Charles Said ġibed l-attenzjoni dwar il-bżonn li tittranġa t-toqba ta' l-arblu tal-Pjazza. Hu

ssuġġerixxa li ssir toqba ġdida. Hemm talba sabiex issir konkos f'passaġġ fi Triq San Blas. Is-Sindku għandha tmur tara dan il-passaġġ.

Il-laqgħa ntemmet fid-9:50 p.m. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir nhar l-Erbgħa 8 ta' Gunju 2011 fis-7:30 p.m.